Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2024/2051(INI)9.4.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar baġit imġedded fit-tul għall-Unjoni f'dinja li qed tinbidel
(2024/2051(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Alexandra Geese

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Artikoli 311, 312, 323 u 324 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),	– wara li kkunsidra l-Artikoli ***8, 208,*** 311, 312, 323 u 324 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 6, 14, 17 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 21, 23 u 34 Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u s-sigurtà soċjali,

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 1c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014[1a],
	[1a] ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/692/oj.

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-programm l-UE għas-Saħħa) għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014[1a],
	[1a] ĠU L 107, 26.3.2021, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/522/oj.

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni)[1a], b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu dwar il-prinċipji orizzontali u l-Anness III tiegħu dwar il-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali – l-Artikolu 15, rigward, b'mod partikolari, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
	[1a] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj.

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti,

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp iffirmat fis-7 ta' Ġunju 2017, li jipprovdi l-qafas għal approċċ komuni għall-politika tal-iżvilupp li se jiġi applikat mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri,

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1h (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (GAP III),

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1i (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640),

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1j (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[1a],

[1a] ĠU C 270, 7.7.2021, p.2.

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1k (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2018 dwar in-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġustizzja klimatika[1a],

[1a] ĠU C 458, 19.12.2018, p. 34.

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1l (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Frar 2025 bit-titolu "Il-Perkors lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss" (COM(2025)0046),

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1m (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Settembru 2022 dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura (COM(2022)0440),

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1n (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 lejn azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura[1a],
	[1a] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 30.

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1o (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025,

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1p (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE: wasal iż-żmien li l-kliem jissarraf f'azzjoni", ippubblikat fil-2021,

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1q (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014[1a],

---

[1a] ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/692/oj.

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE – Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperuż sal-2040" (COM(2021)0345),

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur ewlieni tal-Unjoni, kif minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi l-Artikolu 8 tat-TFUE jiddikjara li "fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġġixxi ugwaljanza", u b'hekk tistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, skont liema l-perspettiva tal-

	ugwaljanza bejn il-ġeneri trid tkun integrata fil-politiki u fil-programmi kollha, inkluż l-livelli kollha tal-proċess baġitarju; billi l-baġits qatt ma huma newtrali għall-ġeneru u għalhekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti bl-objettiv ċar tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-għan li jintlaħqu l-individwi kollha u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prekundizzjoni għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, f'karigi ta' tmexxija u fix-xjenza u r-riċerka, u għalhekk għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għandha impatt fuq l-ekonomija tal-Istati Membri;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-infiq permezz tal-baġit tal-Unjoni, jekk ikun immirat b'mod effettiv, allinjat mal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u kkoordinat mal-infiq fil-livell nazzjonali, jgħin biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq uniku u biex tingħata spinta lill-impatt ġenerali tal-investiment pubbliku; billi l-investiment pubbliku huwa essenzjali biex jinċentiva l-investiment privat;	C. billi l-infiq permezz tal-baġit tal-Unjoni, jekk ikun immirat b'mod effettiv, allinjat mal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u kkoordinat mal-infiq fil-livell nazzjonali, jgħin biex ***jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet fundamentali, inkluż d-drittijiet tan-nisa u l-istat tad-dritt, irrawwem il-koeżjoni u l-ugwaljanza, kif ukoll*** biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq uniku u biex tingħata spinta lill-impatt ġenerali tal-investiment pubbliku; billi l-investiment pubbliku huwa essenzjali biex jinċentiva l-investiment privat;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-persuni b'diżabilità, speċjalment in-nisa u l-bniet, jiffaċċjaw ostakli li jxekklu l-aċċess tagħhom għad-drittijiet fundamentali, l-edukazzjoni, l-impjiegi u s-servizzi soċjali; billi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) irid jiżgura finanzjament adegwat u speċifiku biex jippromwovi l-inklużjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi s-simplifikazzjoni tal-proċessi fi ħdan il-QFP se tagħmilha aktar faċli għan-nisa biex jirnexxu, u b'hekk jitnaqqsu l-ostakli regolatorji li jaffettwawhom b'mod sproporzjonat;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi kontroll tal-kompetittività jista' jivvaluta l-isfidi uniċi li n-negozji, inklużi n-negozji mmexxija min-nisa, jiffaċċjaw biex jaċċessaw ir-riżorsi, il-kapital u l-opportunitajiet, filwaqt li jiżgura li politiki ġodda jindirizzaw dawn id-distakki u jippromwovu ambjent fejn in-negozji mmexxija min-nisa jistgħu kemm jiffjorixxu kif ukoll jirnexxu;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dd. billi aġġornamenti annwali dwar il-Boxxla għall-Kompetittività, irrapportati permezz tar-Rapport dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività jistgħu jkejlu eżiti tanġibbli speċifikament għan-negozji mmexxija min-nisa; billi dan jista' jkun utli għar-reviżjoni tal-QFP;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa De (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	De. billi l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet u l-għoti ta' appoġġ immirat lin-nisa sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'industriji b'potenzjal għoli ta' tkabbir, bħat-teknoloġija diġitali u l-enerġija ekoloġika, u jwettqu rwoli ta' tmexxija, jistgħu jgħinu biex jiġi xprunat it-tkabbir ekonomiku Ewropew;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi 99 % tan-negozji Ewropej huma definiti bħala intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); billi dawn jimpjegaw aktar minn 85 miljun ħaddiem, inkluż in-nisa, u l-maġġoranza l-kbira tagħhom huma kklassifikati bħala mikrointrapriżi;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa l-unika aġenzija tal-UE li titratta l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi minħabba nuqqas ta' riżorsi, l-EIGE jista' biss iwieġeb għal kwart tat-talbiet għal assistenza teknika dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, minkejja li dan huwa wieħed mill-kompiti ewlenin tiegħu, li rriżulta fil-prijoritizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE għad-detriment tal-Istati Membri li ftit li xejn jirċievu assistenza teknika;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi huwa ta' importanza kruċjali li jittejbu l-opportunitajiet edukattivi u li jiġu mmodernizzati l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), b'enfasi partikolari fuq il-bniet u n-nisa, sabiex jimtlew id-distakki attwali bejn il-ġeneri fil-forza tax-xogħol tal-oqsma STEM u biex tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet u r-riskji li jikkonċernaw teknoloġiji ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali;

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-EIGE jistma li t-titjib tal-

ugwaljanza bejn il-ġeneri jżid il-prodott domestiku gross (PDG) per capita tal-UE b'6,1 % għal 9,6 %, li jammonta għal bejn EUR 1 950 biljun u EUR 3 150 biljun sal-2050[1a];

[1a] https://eige.europa.eu/newsroom/economic-benefits-gender-equality.

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-kompetittività għandha tkun integrali għar-reviżjoni tal-QFP biex jiġi żgurat li l-kompetittività tiġi integrata fil-baġit tal-UE, filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività tan-nisa Ewropej u jiġi xprunat tkabbir ekonomiku sostenibbli u b'saħħtu;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-Parlament ripetutament appella għal finanzjament suffiċjenti għall-fergħa Daphne tal-EIGE, għall-Fergħa tal-ugwaljanza u d-drittijiet tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV), għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-qafas tal-programm NDICI, għall-programm l-UE għas-Saħħa, u għall-fergħa Innovazzjoni Soċjali tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+); billi l-Parlament ripetutament appella wkoll għall-applikazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-

fondi Ewropej ewlenin bħal Orizzont Ewropa, il-Politika Agrikola Komuni, il-Fond ta' Koeżjoni u Next Generation EU;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hc. billi l-integrazzjoni tat-tħejjija għandha tkun integrali għar-reviżjoni tal-QFP biex jiġi żgurat li n-nisa jgħixu f'UE li tkun imħejjija għall-kriżijiet;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hd. billi l-EIGE huwa mistenni jwettaq il-kompiti l-ġodda tiegħu ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' biċċiet ġodda ta' leġiżlazzjoni u strateġiji adottati reċentement, bħad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn il-Ġeneri fuq il-Bordijiet, id-Direttiva dwar il-Vjolenza Kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika, id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi, id-Direttiva dwar l-Istandards għall-Korpi tal-Ugwaljanza, id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata, l-Istrateġija għall-Kura, il-Miri ta' Barċellona u l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għal wara l-2025; billi l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[1a] (il-"FII") jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-

allokazzjoni tar-riżorsi lill-aġenziji meta proposta leġiżlattiva tallokalhom kompiti ġodda;

[1a] ĠU L 433I, 22.10.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa He (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	He. billi n-nisa għandhom rwol kruċjali fl-effiċjenza tar-riżorsi u fil-prattiki ekonomiċi sostenibbli; billi ż-żieda fil-kostijiet tal-komoditajiet minħabba l-iskarsezza tar-riżorsi tkompli taggrava l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hf. billi stat soċjali li jiffunzjona tajjeb u servizzi pubbliċi aċċessibbli, inklużi t-trasport, il-kura tas-saħħa u l-indukrar tat-tfal, huma essenzjali għall-avvanz fil-karriera u l-mobilità tan-nisa; billi nuqqas ta' servizzi pubbliċi jżid il-piż doppju tax-xogħol ta' kura mhux imħallas, jillimita l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u jaffettwa l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Hg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hg. billi għandha tingħata prijorità lil inizjattivi li jagħtu s-setgħa lin-nisa fi rwoli ta' tmexxija, b'enfasi fuq iż-żieda tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u b'mod partikolari, iżda mhux biss, għan-nisa fin-negozju u s-settur STEM;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hh (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hh. billi n-nisa waħedhom, b'mod partikolari fix-xjuħija, huma l-iktar esposti għall-faqar; billi d-distakki fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri u d-disparitajiet fil-progressjoni tal-karriera jikkontribwixxu għall-vulnerabbiltà akbar tan-nisa għall-insigurtà finanzjarja fix-xjuħija; billi l-politiki tal-UE jridu jindirizzaw id-dimensjonijiet ibbażati fuq il-ġeneru tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-ippjanar baġitarju fit-tul;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hi (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hi. billi 0.01 % biss tal-finanzjament kollu madwar id-dinja jappoġġja proġetti li jindirizzaw kemm it-tibdil fil-klima kif ukoll id-drittijiet tan-nisa, skont il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonjiet Uniti[1a];
	1a

https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-8-2017-0403_MT.html.

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hj (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hj. billi l-qbiż tal-limiti planetarji, inklużi l-klima, il-bijodiversità, l-ilma u entitajiet ġodda, għandu impatti aggravanti negattivi fuq l-ekonomija u fuq il-baġits nazzjonali u tal-UE, li minnaħa tagħhom iħallu impatt negattiv fuq in-nisa kemm b'modi diretti kif ukoll indiretti: bħala fenomenu fih innifsu u bħala restrizzjonijiet baġitarji;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hk (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hk. billi s-saħħet in-nisa u l-bniet hija partikolarment f'riskju mit-tniġġis u t-tibdil fil-klima minħabba d-differenzi bbażati fuq il-ġeneru fl-esponiment, l-istatus soċjoekonomiku, il-vulnerabbiltà u l-aċċess għall-kura tas-saħħa; billi d-Dikjarazzjoni tas-Seba' Konferenza Ministerjali dwar l-Ambjent u s-Saħħa ffirmata mill-ministri tal-UE għall-ambjent u s-saħħa f'Budapest f'Lulju 2023 timpenja ruħha li żżid l-azzjoni biex issaħħaħ il-protezzjoni tas-saħħa fid-dawl tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis;

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hl (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hl. billi t-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali jipprovdi l-qafas legalment vinkolanti biex ikun żgurat li sal-2050 l-ambjent naturali tal-UE jkun irrestawrat, reżiljenti u protett b'mod adegwat u li t-tniġġis kollu jkun tnaqqas għal livelli li ma jkunux jitqiesu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ekosistemi naturali; billi t-tnaqqis u l-prevenzjoni tat-tniġġis se jkunu ta' benefiċċju għall-saħħet in-nisa u l-bniet peress li saħħithom hija partikolarment f'riskju minħabba d-differenzi fl-esponiment, l-istatus soċjoekonomiku, il-vulnerabbiltà u l-aċċess għall-kura tas-saħħa;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hm (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hm. billi l-ewwel Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa li qatt saret tikkonferma li t-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità joħolqu riskji għas-saħħa severi u li qed jeskalaw fl-Ewropa, bi stress tas-sħana u nirien fis-selvaġġ fost l-aktar theddid urġenti, li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa, lill-bniet u lil popolazzjonijiet vulnerabbli oħra minħabba differenzi fl-esponiment, l-istatus soċjoekonomiku, il-vulnerabbiltà u l-aċċess għall-kura tas-saħħa; billi matul il-mewġa tas-sħana tas-sajf tal-2023 fl-Ewropa, il-mortalità mis-sħana kienet 55 % ogħla għan-nisa;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hn (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hn. billi l-isfidi li qed tiffaċċja l-arkitettura tas-sigurtà komuni tagħna saru aktar kumplessi f'dawn l-aħħar snin; billi d-difiża militari hija ċentrali għal dan u n-nisa għandhom jiġu mħeġġa jkollhom rwol akbar fl-iżgurar tas-sigurtà tal-Ewropa; billi dan l-isfond jipprovdi kuntest importanti għall-QFP;

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza l-impenji tal-Unjoni għall-ugwaljanza, speċjalment dawk deskritti fl-istrateġija għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-SDG tan-Nazzjonijiet Uniti, speċifikament l-għanijiet 5 u 10; jisħaq li l-QFP ta' wara l-2027 għandu jintegra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jgħin biex jiġu eliminati l-inugwaljanzi madwar l-Unjoni u fid-dinja inkluż billi jiġi ddedikat infiq tal-baġit tal-UE li huwa ogħla minn dak attwali u billi jappoġġja l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u objettivi oħra tal-ugwaljanza f'konformità mat-Trattati;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-QFP ta' wara l-2027 irid isir ukoll aktar sempliċi u aktar trasparenti u jkun protett kontra l-użu ħażin, il-frodi u l-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-valuri tal-Unjoni;	3. Jenfasizza li l-QFP ta' wara l-2027 irid isir ukoll aktar sempliċi u aktar trasparenti u jkun protett kontra l-użu ħażin, il-frodi u l-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt***, id-drittijiet fundamentali*** u l-valuri tal-Unjoni;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Ifakkar li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija valur ewlieni tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jenfasizza li hija r-responsabbiltà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jissalvagwardjaw il-valuri tal-Unjoni u jaħdmu favurihom u f'konformità magħhom f'kull ħin;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jenfasizza l-importanza li jiġi salvagwardjat il-progress miksub sa issa f'oqsma ewlenin tal-politiki tal-UE, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-QFP ta' wara l-2027 ma jwassalx għal pass lura fil-progress li sar;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jappella li ssir enfasi mill-ġdid fuq il-fatt li l-ebda fond tal-UE, fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), ma jiġi attribwit jew jibbenefika b'mod involontarju lil organizzazzjonijiet terroristiċi, filwaqt li jitlob lill-Unjoni żżomm l-impenn tagħha li tappoġġja r-riżoluzzjoni tal-kunflitti f'reġjuni fraġli, li

	huwa ta' importanza kbira biex jiġu ggarantiti, fost l-oħrajn, id-drittijiet tan-nisa madwar id-dinja;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Huwa konvint li t-tisħiħ tal-kompetittività, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija ***u*** t-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni huma prijoritajiet ċentrali għall-QFP ta' wara l-2027 u huma vitali biex jiġi żgurat tkabbir fit-tul, sostenibbli u inklużiv u ekonomija u soċjetà aktar reżiljenti;	6. Huwa konvint li t-tisħiħ tal-kompetittività, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija***,*** it-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni u l-politika industrijali tal-Unjoni ***u l-indirizzar tal-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali*** huma prijoritajiet ċentrali għall-QFP ta' wara l-2027 u huma vitali biex jiġi żgurat tkabbir fit-tul, sostenibbli u inklużiv u ekonomija u soċjetà aktar reżiljenti;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jappella għal politiki li jiffavorixxu aktar l-SMEs li jqisu, fejn xieraq, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jappella għal Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku msaħħa li tagħti prijorità lill-minimizzazzjoni tal-piżijiet li jiffaċċjaw in-negozji kollha, inklużi n-negozji mmexxija min-nisa, billi tiżgura li n-nisa jkunu jistgħu jaċċessaw u

jisfruttaw faċilment il-potenzjal intraprenditorjali tagħhom fis-suq uniku;

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jistieden lill-UE tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-imprendituri, inklużi l-imprendituri nisa, billi tiġġieled il-frammentazzjoni u r-regolamentazzjoni żejda, li spiss jirriżultaw f'ostakli addizzjonali għan-negozji, u jissottolinja li r-reviżjoni futura tal-QFP għandha tqis din ir-realtà regolatorja;

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jappella għal soluzzjonijiet diġitali aħjar għall-imprendituri, inklużi l-imprendituri nisa, u jilqa' l-introduzzjoni tal-Kartiera tan-Negozju Diġitali għal proċessi kummerċjali simplifikati;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6e. Jissottolinja l-ħtieġa li n-negozji jiġu pprovduti b'aċċess faċli għal servizzi essenzjali bħall-finanzjament, l-investituri informali u l-imprendituri tal-kapital ta' riskju tan-negozju, it-taħriġ, l-opportunitajiet ta' networking u l-programmi ta' appoġġ għall-mentoraġġ;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja li, kif spjegat fir-rapporti Letta u Draghi, l-ekonomija u l-mudell soċjali Ewropej jinsabu taħt pressjoni qawwija, fejn il-lakuna fil-produttività, fil-kompetittività u fil-ħiliet ikollha effetti indiretti fuq il-kwalità tal-impjiegi u fuq l-istandards tal-għajxien għall-Ewropej li diġà qed jiffaċċjaw prezzijiet għoljin tal-akkomodazzjoni, tal-enerġija u tal-ikel; jinsab imħasseb li nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg u l-għoli tal-ħajja jżidu ***r-riskju ta' eżodu ta' mħuħ lil hinn mill-Ewropa***;	7. Jissottolinja li, kif spjegat fir-rapporti Letta u Draghi, l-ekonomija u l-mudell soċjali Ewropej jinsabu taħt pressjoni qawwija, fejn il-lakuna fil-produttività, fil-kompetittività u fil-ħiliet ikollha effetti indiretti fuq il-kwalità tal-impjiegi u fuq l-istandards tal-għajxien għall-Ewropej li diġà qed ***jissaraw ma' spejjeż għoljin*** tal-akkomodazzjoni, tal-enerġija u tal-kura tas-saħħa u ***prezzijiet*** għoljin tal-ikel, ***u li n-nisa, iż-żgħażagħ u l-minoranzi huwa l-aktar vulnerabbli u f'riskju ta' insigurtà finanzjarja***; jinsab imħasseb li nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg u l-għoli tal-ħajja jżidu ***r-riskji ta' aċċellerazzjoni tal-inugwaljanza soċjali u jkebbsu t-tensjonijiet soċjali***;

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jiżdied b'mod sinifikanti, għandu jkun iffukat fuq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u għandu jkompli jiġi ddeterminat mill-prinċipju tal-eċċellenza; iqis li għandu jkun hemm biżżejjed riżorsi fil-QFP u fil-livell nazzjonali biex jiġu ffinanzjati l-proġetti kollha ta' kwalità għolja;	11. Jenfasizza li l-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jiżdied b'mod sinifikanti, għandu jkun iffukat fuq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u għandu jkompli jiġi ddeterminat mill-prinċipju tal-eċċellenza; iqis li għandu jkun hemm biżżejjed riżorsi fil-QFP u fil-livell nazzjonali biex jiġu ffinanzjati l-proġetti kollha ta' kwalità għolja; ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar finanzjament għal programmi li javvanzaw ix-xjenza u r-riċerka dwar il-pożizzjoni tas-saħħa u ekonomiċi tat-tniġġis, it-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità, li għandhom***

impatt sproporzjonat fuq in-nisa, għal adozzjoni msaħħa mix-xjenza għall-politika;

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jissottolinja li n-nisa jiffaċċjaw sfidi sproporzjonati, inkluża s-sottorappreżentanza fuq il-bordijiet tal-kumpaniji, li twassal ukoll għal diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament u l-mentoraġġ, id-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, l-isterjotipi tal-ġeneru u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol, li jwasslu għal suq tax-xogħol żbilanċjat u piż sproporzjonat ta' kura u xogħol domestiku mhux imħallas, li jistgħu jostakolaw it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tan-nisa; jisħaq li l-QFP li jmiss għandu jindirizza d-distakki fl-opportunitajiet għall-imprendituri nisa u jinċentiva l-aċċess tan-nisa għall-kapital u n-networks, b'mod partikolari mil-lenti ta' analiżi dinamika tal-ispejjeż li se tgħin biex jiġu identifikati u jitneħħew politiki li huma ta' żvantaġġ għan-nisa, inklużi l-intraprendituri nisa;

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jissottolinja l-ħtieġa, enfasizzata fil-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni 2024–2029, li jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet, u l-importanza li l-baġit tal-Unjoni u l-QFP li jmiss jinkludu pjan strateġiku għall-edukazzjoni fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-

	matematika (STEM) li jinkludi wkoll approċċ li jħeġġeġ aktar bniet u nisa fl-edukazzjoni u l-karrieri STEM, peress li l-impjiegi f'dawn l-oqsma juru disparitajiet evidenti bejn il-ġeneri, bi kważi d-doppju ta' rġiel milli nisa; jirrimarka li dan, kif iddikjarat fir-Rapport ta' Draghi, jista' jirrappreżenta n-nuqqas ta' użu tat-talent eżistenti;

Emenda 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Iqis li l-Unjoni jeħtieġ tiżviluppa qafas ta' kompetittività f'konformità mal-valuri u l-għanijiet politiċi ***tagħha stess u li*** l-kompetittività għalhekk jeħtieġ tinftiehem bħala li tinkludi mhux biss it-tkabbir ekonomiku, iżda wkoll il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali u s-sostenibbiltà ambjentali;	13. Iqis li l-Unjoni trid tiżviluppa qafas ta' kompetittività f'konformità mal-valuri ***fundaturi*** tagħha ***tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-dinjità tal-bniedem*** u ***mal-għanijiet*** politiċi tagħha***; jikkunsidra li*** l-kompetittività għalhekk jeħtieġ tinftiehem bħala li tinkludi mhux biss it-tkabbir ekonomiku, iżda wkoll il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali u s-sostenibbiltà ambjentali; ***jisħaq li ekonomija verament kompetittiva u b'saħħitha ma tistax tinkiseb mingħajr il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fil-forza tax-xogħol u fit-tmexxija tan-negozju; jenfasizza l-importanza li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-oqsma STEM minħabba li l-ħiliet, l-għarfien u l-kwalifiki tagħhom jistgħu jgħinu biex jagħtu spinta lill-ekonomija Ewropea u jappoġġjaw l-għanijiet definiti f'diversi politiki tal-UE;***

Emenda 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	13a. Jappella għal qafas strateġiku fi ħdan il-QFP li jintegra l-kompetittività fil-programmi u l-inizjattivi ffinanzjati mill-UE, filwaqt li jirrikonoxxi li l-innovazzjoni, it-trasformazzjoni diġitali, l-edukazzjoni u l-impjieg tajjeb għaċ-ċittadini, inklużi n-nisa u l-bniet, huma fatturi importanti għall-kompetittività, u jissottolinja li l-kompetittività tista' trawwem tali fatturi;

Emenda 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja li ekonomija aktar kompetittiva, produttiva u soċjalment inklużiva tgħin biex jiġu ġġenerati impjiegi ta' kwalità għolja u mħallsa tajjeb, u b'hekk ittejjeb l-istandard tal-għajxien tannies; jenfasizza li, permezz ta' programmi bħall-Fond Soċjali Ewropew+ u Erasmus+, il-baġit tal-Unjoni jista' jkollu rwol importanti fl-appoġġ tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fit-tisħiħ tal-adattabbiltà tal-forza tax-xogħol permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, u b'hekk iħejji lin-nies għall-impjiegi f'ekonomija moderna;	14. Jissottolinja li ekonomija aktar kompetittiva, produttiva u soċjalment inklużiva tgħin biex jiġu ġġenerati impjiegi ta' kwalità għolja u mħallsa tajjeb, u b'hekk ittejjeb l-istandard tal-għajxien tannies***; jisħaq li t-telf ekonomiku minħabba d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi jammonta għal EUR 370 biljun fis-sena u li t-titjib tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jista' jwassal għal żieda fil-PDG sa EUR 3.15 triljun sal-2050***; jenfasizza li, permezz ta' programmi bħall-Fond Soċjali Ewropew+ u Erasmus+, il-baġit tal-Unjoni jista' jkollu rwol importanti fl-appoġġ tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fit-tisħiħ tal-adattabbiltà tal-forza tax-xogħol permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, u b'hekk iħejji lin-nies għall-impjiegi f'ekonomija moderna; ***jenfasizza l-fatt li s-sottorappreżentanza tal-bniet u n-nisa f'diversi oqsma tal-edukazzjoni u l-professjonijiet tikkontribwixxi għad-distakki bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, suq tax-xogħol ikkaratterizzat minn sterjotipi tal-ġeneri u diviżjoni sussegwenti tas-suq tax-xogħol;***

Emenda 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel enfasi akbar fuq iż-żieda fl-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet għan-nisa u l-bniet, inklużi n-nisa akbar fl-età, li min-naħa tagħhom se jgħinu biex jitnaqqsu d-distakki bejn il-ġeneri fl-iżvilupp tal-ħiliet u jiżguraw li n-nisa jkunu mgħammra biex jagħtu spinta lill-produttività u jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku ġenerali tal-UE;

Emenda 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jinsisti li l-baġit tal-Unjoni għandu jkompli jappoġġja setturi ekonomiċi u li joħolqu l-impjiegi importanti fejn l-Unjoni diġà hija mexxejja dinjija, bħat-turiżmu u l-industriji kulturali u kreattivi;	15. Jinsisti li l-baġit tal-Unjoni għandu jkompli jappoġġja setturi ekonomiċi u li joħolqu l-impjiegi importanti fejn l-Unjoni diġà hija mexxejja dinjija, bħat-turiżmu u l-industriji kulturali u kreattivi; ***filwaqt li jirrikonoxxi wkoll ir-rwol essenzjali tas-settur tal-kura, inklużi l-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-kura soċjali, fl-iżgurar tar-reżiljenza ekonomika, il-koeżjoni soċjali u l-impjiegi ta' kwalità;***

Emenda 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jinsisti għal miżuri aktar b'saħħithom biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jittejjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għaċ-ċittadini kollha; jissottolinja d-differenza persistenti bejn il-ġeneri fix-

	xogħol ta' kura mhux imħallas, li titfa' piż sproporzjonat fuq in-nisa; jemmen li l-prijoritizzazzjoni tal-investiment fl-indukrar tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja, l-espansjoni tal-liv tal-ġenituri mħallas u l-adozzjoni ta' politiki li jrawmu komunitajiet inklużivi huma essenzjali; jagħti importanza partikolari lill-ħtieġa li tiġi eliminata d-diskriminazzjoni kontra n-nisa fuq il-post tax-xogħol, speċjalment wara l-liv tal-maternità; jisħaq li r-responsabbiltajiet tal-indukrar ma jridux ikunu ostaklu għall-progress fil-karriera tan-nisa; jappella għal finanzjament suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura biex tiġi żgurata kura ta' kwalità, aċċessibbli u affordabbli għal kulħadd; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa ta' investiment fl-indukrar tat-tfal u fil-faċilitajiet tal-kura fit-tul biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol;

Emenda 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jenfasizza l-fatt li l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri huma aktar evidenti f'ċerti setturi, jiġifieri l-agrikoltura u s-sajd, liema setturi huma kruċjali biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u l-awtonomija strateġika tal-UE; iqis li huwa essenzjali, għalhekk, li l-QFP li jmiss ikompli jappoġġja dawn is-setturi, li huma fil-biċċa l-kbira f'żoni rurali, fejn id-disparitajiet bejn il-ġeneri fl-impjiegi huma akbar minn dawk fiż-żoni urbani;

Emenda 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jrid ***jindirizza*** l-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-Unjoni, bħat-tibdil demografiku u d-depopolazzjoni, u jimmira lejn ir-reġjuni u l-persuni l-aktar fil-bżonn; jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza ta' appoġġ imsaħħaħ biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-akkomodazzjoni fl-UE kollha li taffettwa miljuni ta' familji u żgħażagħ;	19. Jisħaq li l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jrid ***jindirizza*** l-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-Unjoni, bħal ***tbatija soċjoekonomika akbar u ostakli fl-aċċess għad-drittijiet soċjali bħall-kura tas-saħħa, inkluża l-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, is-sigurtà soċjali u l-akkomodazzjoni, it-tibdil fil-klima, iż-żieda fid-disparitajiet fil-livell interreġjonali u intrareġjonali, u*** t-tibdil demografiku u d-depopolazzjoni, ***li kollha kemm huma għandhom effett sproporzjonat fuq in-nisa u l-bniet, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tal-ġustizzja soċjali,*** u li ***l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jrid*** ikun immirat lejn ir-reġjuni u l-persuni l-aktar fil-bżonn, ***bħan-nisa u l-minoranzi***; jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza ta' appoġġ imsaħħaħ biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-akkomodazzjoni fl-UE kollha li taffettwa miljuni ta' familji u żgħażagħ;

Emenda 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jirrikonoxxi li għad hemm disparitajiet reġjonali fi ħdan l-UE fil-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi, element importanti għall-iżvilupp u, daqs tant ieħor, għall-koeżjoni; jisħaq, għalhekk, li l-QFP li jmiss għandu jkollu viżjoni aktar komprensiva għall-iżvilupp armonjuż tat-territorju Ewropew, bl-għan tal-koeżjoni; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tindirizza b'mod urġenti l-isfidi ewlenin li jaffettwaw l-istabbiltà u t-tkabbir fit-tul tagħha, b'mod partikolari t-tibdil demografiku u d-disparitajiet reġjonali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li enfasi ċentrali għandha tkun fuq l-appoġġ tal-

	aktar reġjuni u popolazzjonijiet vulnerabbli biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u li t-titjib tal-koeżjoni soċjali jsir prijorità kritika, flimkien mal-indirizzar ta' kwistjonijiet urġenti bħall-kriżijiet tal-akkomodazzjoni fl-UE kollha, li għandha impatt fuq miljuni ta' familji, nisa, żgħażagħ u persuni vulnerabbli madwar l-Unjoni, li ma jistgħux igawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom u spiss jiffaċċjaw diskriminazzjoni;

Emenda 70

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jistieden lill-Kummissjoni tnaqqas il-burokrazija għall-imprendituri, inklużi l-imprendituri nisa, permezz ta' sforzi ta' simplifikazzjoni biex jitnaqqas il-piż tar-rapportar fuq l-SMEs, b'lenti u enfasi partikolari fuq in-negozji mmexxija minnisa fejn possibbli;

Emenda 71

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali huma marbuta b'mod inseparabbli mal-kompetittività, mal-modernizzazzjoni tal-ekonomija u mar-reżiljenza tas-soċjetà u li, għalhekk, il-QFP ta' wara l-2027 irid ikompli jappoġġja t-tranżizzjoni doppja;	21. Jenfasizza li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali huma marbuta b'mod inseparabbli mal-kompetittività, mal-modernizzazzjoni tal-ekonomija u mar-reżiljenza tas-soċjetà u li, għalhekk, il-QFP ta' wara l-2027 irid ikompli jappoġġja t-tranżizzjoni doppja; ***jenfasizza l-ħtieġa li titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' appoġġ baġitarju mmirat filwaqt li jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti għall-investiment sostenibbli, speċjalment fir-rigward tan-nisa u l-bniet;***

Emenda 72

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Ifakkar li l-Unjoni hija impenjata li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050, li tirrikjedi dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija permezz tal-użu ta' teknoloġiji nodfa, infrastruttura mtejba tal-enerġija u tat-trasport u akkomodazzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jinnota li l-Kummissjoni tistma li huwa meħtieġ investiment addizzjonali biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 b'1.5 % tal-PDG fis-sena meta mqabbel mal-għaxar snin 2011-2020 u li, filwaqt li l-baġit tal-Unjoni waħdu ma jistax ikopri d-distakk, dan irid jibqa' kontributur vitali;	22. Ifakkar li l-Unjoni hija impenjata li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050, li tirrikjedi dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija permezz tal-użu ta' teknoloġiji nodfa, infrastruttura mtejba tal-enerġija u tat-trasport u akkomodazzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija***; jisħaq li l-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050 hija kruċjali wkoll f'termini ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u teħtieġ eliminazzjoni gradwali rapida tal-finanzjament dirett u indirett tal-UE għall-fjuwils fossili sal-2027; japella biex l-investiment jiġi dirett mill-ġdid lejn l-innovazzjoni fl-enerġija nadifa, it-tnaqqis tat-tniġġis u r-reżiljenza għall-klima***; jinnota li l-Kummissjoni tistma li huwa meħtieġ investiment addizzjonali biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 b'1.5 % tal-PDG fis-sena meta mqabbel mal-għaxar snin 2011-2020 u li, filwaqt li l-baġit tal-Unjoni waħdu ma jistax ikopri d-distakk, dan irid jibqa' kontributur vitali;

Emenda 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja li l-industrija se tkun ċentrali fit-tranżizzjoni lejn emissjonijiet żero netti u li se jkun meħtieġ appoġġ biex xi setturi industrijali u l-ħaddiema tagħhom jiġu megħjuna jadattaw għaliha; jisħaq li t-tranżizzjoni ma trid tħalli lil ħadd jibqa' lura, u li hija tirrikjedi investiment f'reġjuni li jiddependu ħafna mill-fjuwils	23. Jissottolinja li l-industrija se tkun ċentrali fit-tranżizzjoni lejn emissjonijiet żero netti u li se jkun meħtieġ appoġġ biex xi setturi industrijali u l-ħaddiema tagħhom jiġu megħjuna jadattaw għaliha; jisħaq li t-tranżizzjoni ma trid tħalli lil ħadd jibqa' lura, u li hija tirrikjedi investiment f'reġjuni li jiddependu ħafna mill-fjuwils

fossili u appoġġ akbar għall-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima;	fossili u appoġġ akbar għall-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima; ***jappella għall-allokazzjoni ta' finanzjament immirat għar-rimedju ta' siti kkontaminati mill-PFAS (sustanzi per- u polifluworoalkilati), li għandhom impatt negattiv sinifikanti fuq il-fertilità fin-nisa u l-bniet, biex tiġi żgurata l-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa pubblika;***

Emenda 74

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jindika l-bidla teknoloġika profonda li għaddejja bħalissa, b'teknoloġiji ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali li joħolqu opportunitajiet, f'termini ta' potenzjal ekonomiku u titjib fil-ħajja taċ-ċittadini, u li joħolqu sfidi ta' affidabbiltà u etika; jisħaq li l-QFP li jmiss irid jappoġġja l-iżvilupp u l-applikazzjoni sikura ta' tali teknoloġiji u jgħin lin-nies isaħħu l-ħiliet li jeħtieġu biex jaħdmu bihom u jużawhom;	24. Jindika l-bidla teknoloġika profonda li għaddejja bħalissa, b'teknoloġiji ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali li joħolqu opportunitajiet, f'termini ta' potenzjal ekonomiku u titjib fil-ħajja taċ-ċittadini, u li joħolqu sfidi ta' affidabbiltà u etika; jisħaq li l-QFP li jmiss irid jappoġġja l-iżvilupp u l-applikazzjoni sikura ta' tali teknoloġiji***, filwaqt li jimpenja ruħu wkoll li jindirizza l-preġudizzji algoritmiċi li jikkontribwixxu għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru***, u ***li għandu*** jgħin lin-nies isaħħu l-ħiliet li jeħtieġu biex jaħdmu bihom u jużawhom;

Emenda 75

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jappella għall-preżenza u l-influwenza tan-nisa fil-qasam diġitali jissaħħu, b'enfasi partikolari fuq il-kisba ta' ħiliet trasversali, bħat-tmexxija, l-emanċipazzjoni, in-negozjar u l-istrateġiji għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri; jissottolinja li t-tishiħ tat-taħriġ u

	l-mentoraġġ f'oqsma teknoloġiċi ewlenin huwa essenzjali, inklużi ċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp front-end, id-disinn grafiku u l-kummerċjalizzazzjoni diġitali, sabiex jitnaqqas id-distakk fil-ħiliet fis-settur diġitali u n-nisa jkunu jistgħu jirnexxu fl-era diġitali, biex fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku fir-reġjuni tagħhom;

Emenda 76

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Ifakkar li s-sigurtà ***hija l-pedament*** għall-prosperità u l-mudell soċjali tal-Unjoni u li l-QFP li jmiss irid jinvesti b'mod sinifikanti fis-salvagwardja tal-Unjoni kontra l-bosta theddidiet li tiffaċċja;	25. Ifakkar li ***l-paċi u s-sigurtà tal-bnedmin huma l-pedamenti*** għall-prosperità u l-mudell soċjali tal-Unjoni u li l-QFP li jmiss irid jinvesti b'mod sinifikanti fis-salvagwardja tal-Unjoni ***u l-popli tagħha*** kontra l-bosta theddidiet li tiffaċċja;

Emenda 77

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jissottolinja li s-sigurtà għandha tinftiehem fl-aktar sens wiesa' tagħha, permezz ta' approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, inklużi d-dimensjonijiet soċjali, edukattivi, ambjentali u kulturali li jirrikjedu demokraziji b'saħħithom u ugwaljanza, inkluż ugwaljanza bejn il-ġeneri; jinsisti li l-investiment fid-difiża jqis dawn l-aspetti usa' tas-sigurtà.

Emenda 78

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jenfasizza li l-Unjoni jeħtieġ li żżid il-finanzjament għall-preparatezza b'mod ġenerali; jissottolinja li, minbarra l-isforzi biex jittaffa t-tibdil fil-klima permezz tat-tranżizzjoni ekoloġika, huwa meħtieġ investiment sinifikanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari għall-protezzjoni kontra d-diżastri naturali u l-avvenimenti severi tat-temp u t-tnaqqis tal-impatt tagħhom; iqis li l-appoġġ għal dan l-għan irid jiżdied b'mod sinifikanti fil-QFP li jmiss;	31. Jenfasizza li l-Unjoni jeħtieġ li żżid il-finanzjament għall-preparatezza b'mod ġenerali; jissottolinja li, minbarra l-isforzi biex jittaffa t-tibdil fil-klima permezz tat-tranżizzjoni ekoloġika, huwa meħtieġ investiment sinifikanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari għall-protezzjoni kontra d-diżastri naturali u l-avvenimenti severi tat-temp u t-tnaqqis tal-impatt tagħhom; ***jisħaq li l-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru jrid jiġi integrat fil-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima biex jiġi żgurat appoġġ immirat għan-nisa u l-gruppi vulnerabbli f'diżastri kkawżati bil-klima; jissottolinja li l-gruppi vulnerabbli, inklużi t-tfal, in-nisa tqal, l-anzjani, dawk diġà morda u dawk li jiffaċċjaw inugwaljanzi soċjoekonomiċi, jiffaċċjaw riskji sproporzjonati għas-saħħa;*** iqis li l-appoġġ għal dan l-iskop irid jiżdied b'mod sinifikanti fil-QFP li jmiss, ***partikolarment minħabba li n-nisa u l-bniet huma affettwati b'mod disproporzjonat minn dawn il-kriżijiet***; ***jisħaq li l-finanzjament kollu għall-fjuwils fossili u l-attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent irid jitneħħa gradwalment, peress li d-degradazzjoni ambjentali taggrava l-inugwaljanzi soċjali;***

Emenda 79

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Ifakkar li l-pandemija tal-COVID-19 ġabet problemi ekonomiċi u soċjali mad-dinja kollha u li tagħlima ewlenija mill-esperjenza hija li hemm bżonn li jsir investiment fil-preparatezza għat-theddid għas-saħħa, fir-riċerka medika u fir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa pubblika fl-	32. Ifakkar li l-pandemija tal-COVID-19 ***għamlet straġi ekonomika u soċjali*** mad-dinja kollha, ***b'effett sproporzjonat fuq in-nisa,*** u li tagħlima ewlenija mill-esperjenza hija li hemm bżonn li jsir investiment fil-preparatezza għat-theddid tas-saħħa, ***tal-klima u l-ambjent, billi jiġu***

Unjoni; iqis li l-QFP li jmiss irid jibni fuq il-ħidma li saret fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali;	***indirizzati nuqqasijiet fil-mediċini, tiġi avvanzata x-xjenza dwar il-piżijiet tas-saħħa u ekonomiċi tat-tniġġis***, fir-riċerka medika u fir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa pubblika fl-Unjoni***; jisħaq li t-tħejjija trid tagħti prijorità lill-protezzjoni ta' dawk l-aktar vulnerabbli, inklużi t-tfal, in-nisa tqal, l-anzjani, dawk diġà morda, u l-gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati; jappella għal investiment għall-protezzjoni tas-saħħa f'setturi li jiddeterminaw is-saħħa ewlenin bħall-enerġija, it-trasport, l-agrikoltura, l-industrija u l-ippjanar urban biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima fit-tul u tiġi protetta s-saħħa pubblika***; iqis li l-QFP li jmiss irid jibni fuq il-ħidma li saret fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali***, filwaqt li jżomm u jżid il-programm l-UE għas-Saħħa***; ***iqis li jridu jiġu allokati riżorsi addizzjonali għall-iżvilupp ta' mediċini sensittivi għall-ġeneru u biex jiġu żgurati, fost affarijiet oħra, il-forniment f'waqtu u l-aċċessibbiltà għal servizzi sikuri tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR);***

Emenda 80

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jissottolinja l-importanza ta' approċċ komprensiv ta' sigurtà li jintegra l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet u jestendi lil hinn mit-theddid militari biex jinkludi sfidi bħat-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tar-riżorsi, il-bidliet demografiċi, il-kriminalità organizzata, l-attakki ċibernetiċi u l-kriżijiet tas-saħħa pubblika; jenfasizza l-fatt li r-reżiljenza tas-soċjetà tiddependi fuq il-finanzjament adegwat ta' setturi b'nuqqas ta' riżorsi,

	b'mod partikolari s-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa, fejn in-nisa jirrappreżentaw il-maġġoranza kemm tal-forza tax-xogħol kif ukoll tal-benefiċjarji u huma affettwati wkoll b'mod sproporzjonat matul il-kriżijiet; jisħaq li s-sigurtà tas-soċjetà tirrikjedi investiment sinifikanti, b'mod partikolari f'setturi sottofinanzjati u sottovalutati bħas-servizzi soċjali, fejn kemm il-forza tax-xogħol kif ukoll il-benefiċjarji huma fil-biċċa l-kbira nisa; jappella għal aktar finanzjament biex jissaħħu r-reżiljenza u t-tħejjija tal-infrastruttura soċjali bħala pilastru ewlieni tas-sigurtà soċjetali ġenerali;

Emenda 81

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament kontinwu, fil-QFP li jmiss, għal ***protezzjoni effettiva*** tal-fruntieri esterni tal-UE; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ***miġġielda*** n-networks tat-traffikar u li jiġu indirizzati l-attakki ibridi ***u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, b'mod partikolari minn pajjiż terz jew attur mhux statali ostili***;	34. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament kontinwu, fil-QFP li jmiss, għal ***ġestjoni xierqa, umana u ġusta*** tal-fruntieri esterni tal-UE; ***inkluż il-funzjonament effettiv ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti li huma ta' importanza vitali għat-tnaqqis tar-riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari għan-nisa u t-tfal;*** jissottolinja l-ħtieġa li l-persuni vulnerabbli, ***speċjalment in-nisa u l-bniet, jiġu protetti aħjar*** min-networks tat-traffikar u ***li*** jiġu indirizzati l-attakki ibridi;

Emenda 82

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	34a. Jappella għal ibbaġitjar konsistenti u sostenibbli għall-attivitajiet

	kollha relatati mal-ġeneru fis-settur tad-difiża u s-sigurtà tal-UE, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament iddedikat għal azzjonijiet relatati mal-ġeneru fi ħdan il-missjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK), inkluża linja baġitarja speċifika għall-Konsulenti dwar il-Ġeneru fil-missjonijiet ċivili tal-PSDK;

Emenda 83

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Jinsisti li, f'kuntest ta' instabbiltà globali akbar, l-Unjoni jeħtieġ tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv ma' pajjiżi terzi u tappoġġja l-paċi, l-istabbiltà, il-prosperità, is-sigurtà, id-demokrazija u l-iżvilupp sostenibbli globalment, f'konformità mal-valuri tagħha;	35. Jinsisti li, f'kuntest ta' instabbiltà globali akbar, l-Unjoni jeħtieġ tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv ma' pajjiżi terzi u tappoġġja l-paċi, l-istabbiltà, il-prosperità, is-sigurtà, id-demokrazija***, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżvilupp uman*** u l-iżvilupp sostenibbli globalment, f'konformità mal-valuri tagħha;

Emenda 84

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35a. Ifakkar fl-impenn tal-Unjoni li tilħaq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) sal-2030 kif ukoll l-impenji usa' tagħha għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, il-multilateraliżmu, id-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli, u s-solidarjetà internazzjonali; jisħaq li dawn l-impenji jridu jkunu sostnuti minn investimenti suffiċjenti fil-QFP li jmiss; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu protetti u avvanzati d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari

	s-saħħa u d-drittijiet tan-nisa, kif ukoll id-drittijiet tal-minoranzi, u tal-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli; jinsisti li l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE kollha għandhom objettivi speċifiċi u fejn possibbli m'għandhomx jingħaqdu, u li l-għajnuna umanitarja, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-istrument ta' qabel l-adeżjoni jridu jibqgħu strumenti separati biex ikomplu jilħqu l-objettivi speċifiċi tagħhom;

Emenda 85

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Ifakkar li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE trid tkun ibbażata fuq il-prinċipji enfasizzati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fuq l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 208 tat-TFUE, li hija t-tnaqqis u, eventwalment, il-qerda tal-faqar li jaffettwa n-nisa u t-tfal b'mod disproporzjonat;

Emenda 86

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jisħaq li l-QFP li jmiss irid ikompli jindirizza l-aktar sfidi globali urġenti, mill-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, sal-provvista ta' għajnuna f'każ ta' diżastri naturali, l-iżgurar tas-sigurtà globali tal-ikel, it-titjib tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, it-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza u t-tisħiħ tal-kompetittività u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista globali; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa ta' appoġġ għall-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-	37. Jisħaq li l-QFP li jmiss irid ikompli jindirizza l-aktar sfidi globali urġenti, mill-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, ***it-tnaqqis u l-prevenzjoni tat-tniġġis tal-arja***, sal-provvista ta' għajnuna f'każ ta' diżastri naturali, l-iżgurar tas-sigurtà globali tal-ikel, it-titjib tas-sistemi tal-kura tas-saħħa ***u l-iżvilupp uman***, it-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza ***inlużl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-titjib tal-livell tal-edukazzjoni*** u t-tisħiħ tal-kompetittività u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista globali; jenfasizza,

Unjoni;	b'mod partikolari, il-ħtieġa ta' appoġġ għall-Viċinati tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Unjoni ***u għall-Afrika sub-Saħarjana, l-Asja u l-Amerika Latina***;

Emenda 87

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37a. Jissottolinja l-ħtieġa li l-QFP li jmiss jalloka biżżejjed riżorsi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tishiħ tal-pożizzjoni tan-nisa permezz tal-azzjoni esterna kollha tal-UE; jappella biex l-istrument li jmiss għall-kooperazzjoni internazzjonali jagħti attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bl-istabbiliment ta' mira li 85 % tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) tmur għal proġetti li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv sinifikanti jew prinċipali, u 20 % tal-ODA jmorru għal proġetti li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala l-objettiv prinċipali tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni urġenti b'reazzjoni għall-iżmuntar globali tad-drittijiet tan-nisa u jenfasizza li l-QFP attwali ma jipprevedix baġit iddedikat għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (GAP) III;

Emenda 88

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37b. Jisħaq fuq l-importanza tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (GAP III) fl-aċċellerazzjoni tal-progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

	globalment billi jsir prijorità fl-azzjonijiet esterni kollha tal-UE u b'mod partikolari billi tiġi stabbilita l-mira ta' 85 % tal-azzjonijiet ġodda kollha li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa sal-2025; jirrimarka l-ħtieġa li dawn l-isforzi jitkomplew u jiġu segwiti taħt il-QFP ta' wara l-2027, b'riżorsi adegwati ddedikati għall-implimentazzjoni tal-GAP IV li jmiss, f'konformità mal-aġenda dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru fil-kunflitt mil-lenti tal-ġeneru;

Emenda 89

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jissottolinja li l-baġit irid jirrispetta r-rwol tal-Unjoni bħala l-fornitur ewlieni fid-dinja tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-finanzjament għall-klima f'konformità mal-obbligi u l-impenji globali tal-Unjoni; jinsisti li l-baġit irid jibqa' jappoġġja lill-Unjoni fl-isforzi tagħha biex tiddefendi l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, id-demokrazija, il-multilateraliżmu, id-drittijiet tal-bniedem u l-valuri fundamentali;	38. Jissottolinja li l-baġit irid jirrispetta r-rwol tal-Unjoni bħala l-fornitur ewlieni fid-dinja tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-finanzjament għall-klima f'konformità mal-obbligi u l-impenji globali tal-Unjoni ***inkluż il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, u l-aġenda dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà***; jinsisti li l-baġit irid jibqa' jappoġġja lill-Unjoni fl-isforzi tagħha biex tiddefendi l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, id-demokrazija, il-multilateraliżmu, id-drittijiet tal-bniedem, ***in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, l-ugwaljanza*** u l-valuri fundamentali; ***jissottolinja wkoll li l-UE jeħtiġilha żżid il-livell ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri globalment u tistinka biex timla d-distakki li jirriżultaw mill-ħruġ ta' finanzjament mill-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Iżvilupp Internazzjonali u l-introduzzjoni***

mill-ġdid tar-Regola Global Gag;

Emenda 90

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42a. Jisħaq dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-QFP li jmiss jipprovdi finanzjament robust u ddedikat għall-appoġġ għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fid-dawl tat-tendenza globali dejjem tikber lejn l-awtoritarjaniżmu; jisħaq fuq l-importanza li tissaħħaħ ir-reżiljenza demokratika, jiġi ssalvagwardjat l-ispazju ċiviku, u jiġu protetti l-libertajiet fundamentali, inklużi l-libertà tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tal-istampa; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ l-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-persuni LGBTI, u s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) bħala komponenti integrali tal-azzjoni esterna tal-UE; iħeġġeġ impenn finanzjarju sod biex jiġi miġġieled ir-rigress demokratiku u tiġi appoġġjata governanza inklużiva u bbażata fuq id-drittijiet madwar id-dinja; jappella għal finanzjament iddedikat fil-QFP li jmiss biex jgħin lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment lin-nisa, b'għotjiet ta' emerġenza, għajnuna legali u rilokazzjoni, filwaqt li jsaħħaħ l-impenn tal-Unjoni għad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tas-soċjetà ċivili, inkluż fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Emenda 91

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jenfasizza l-importanza tal-baġit tal-Unjoni għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija u l-valuri tal-Unjoni, għat-trawwim tal-wirt kulturali komuni tal-Unjoni u l-integrazzjoni Ewropea, għat-tisħiħ tal-involviment taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u għall-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-istat tad-dritt; jindika l-importanza tal-indipendenza tal-ġustizzja, il-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet nazzjonali, l-appoġġ għas-soċjetà ċivili u d-deoliġarkizzazzjoni;	46. Jenfasizza l-importanza tal-baġit tal-Unjoni ***fl-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni, kif ukoll l-inugwaljanza bejn il-ġeneri u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru,*** għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija u l-valuri tal-Unjoni***, kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inklużi l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, il-promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u tal-bniet u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ, il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u dik domestika***, għat-trawwim tal-wirt kulturali komuni tal-Unjoni u l-integrazzjoni Ewropea, għat-tisħiħ tal-involviment taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u għall-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-istat tad-dritt; ***jenfasizza l-interdipendenza bejn id-drittijiet tan-nisa u l-istat tad-dritt; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' appoġġ akbar għall-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ;*** jindika l-importanza tal-indipendenza tal-ġustizzja, il-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet nazzjonali, appoġġ ***miżjud*** għas-soċjetà ċivili u d-deoliġarkizzazzjoni;

Emenda 92

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46a. Jappoġġa, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-impenji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha tal-UE fil-qafas tal-QFP li jmiss, kif ukoll dimensjoni baġitarja msaħħa fil-ġlieda kontra l-każijiet kollha ta'

diskriminazzjoni;

Emenda 93

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46b. Jissottolinja l-ħtieġa ta' aktar finanzjament li jikkontribwixxi għaż-żamma ta' soċjetà pluralistika fejn l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-persuni, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif minquxa fit-Trattat, fil-Karta u fil-konvenzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, jiġu promossi u protetti; jisħaq fuq l-importanza kruċjali tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri fil-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri tal-Unjoni, li jappoġġa lill-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili li jiddefendu dawn il-valuri fl-Istati Membri kollha; jappella għal żieda sinifikanti fil-baġit allokat għall-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, li se tkun meħtieġa fid-dawl tal-isfidi, it-theddid u r-rigressjoni dejjem akbar li qed tiffaċċja s-soċjetà ċivili fl-UE fil-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri tal-Unjoni, kif ukoll il-ġlieda kontinwa għad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluża l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-appoġġ għall-aċċess universali għal edukazzjoni u informazzjoni komprensiva, nondiskriminatorja, xierqa għall-età u bbażata fuq l-evidenza dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet għat-tfal kollha tal-iskola permezz ta' korsijiet obbligatorji fl-Istati Membri tal-UE; jitlob għalhekk iż-żamma u t-tisħiħ tal-programmi CERV u NDICI bħala programmi awtonomi b'aktar finanzjament fil-QFP li jmiss;

Emenda 94

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46c. Jenfasizza li d-diskriminazzjoni razzjali għadha problema fl-Ewropa, filwaqt li jinnota li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tirrapporta li 96 % tal-Lhud fl-Ewropa, inklużi ħafna nisa u bniet, iltaqgħu mal-antisemitiżmu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, li d-diskriminazzjoni razzjali kontra l-Musulmani u l-poplu l-Iswed qed tiżdied, speċjalment fost dawk li jilbsu simboli reliġjużi, l-aktar nisa u bniet, u li, barra minn hekk, kwart tal-persuni Rom ġew diskriminati f'oqsma ewlenin tal-ħajja; jisħaq li l-QFP il-ġdid għandu jappoġġja l-ħidma biex tiġi miġġielda din ir-realtà inkjetanti;

Emenda 95

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46d. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li n-nisa kollha jkollhom aċċess għas-servizzi u d-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva u li jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni emarġinati, inklużi t-tfal, il-persuni b'diżabilità, il-minoranzi razzjali u etniċi, in-nisa li huma rifuġjati u migranti, inklużi dawk li jaħarbu minn kunflitti fejn l-istupru jintuża bħala arma tal-gwerra u l-komunità LGBTI; jappella biex jiġi stabbilit fluss ta' finanzjament speċifiku fi ħdan il-QFP biex jiġu appoġġjati l-organizzazzjonijiet immexxija min-nisa f'reġjuni ta' wara l-kunflitt, u biex jiġu promossi inizjattivi ta' rkupru ekonomiku sensittivi għall-ġeneru li

jindirizzaw l-ostakli uniċi li jiffaċċjaw in-nisa vittmi tad-delitti tal-gwerra;

Emenda 96

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46e. Jissottolinja li, bħala obbligu li jirriżulta mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UN CRPD), l-Unjoni jeħtiġilha tintegra d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità permezz tal-programmi kollha fil-QFP wara l-2027; iqis li huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità, speċjalment in-nisa u l-bniet, ikollhom aċċess ekwu għall-programmi kollha ffinanzjati mill-UE, f'konformità mal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija biex issegwi l-infiq li jkun ta' benefiċċju għall-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet, u billi tivverifika li l-programmi u l-proġetti kollha ffinanzjati mill-UE jiggarantixxu opportunitajiet indaqs bejn il-ġeneri u aċċessibbiltà għall-finanzjament tal-UE għall-persuni b'diżabilità;

Emenda 97

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46f. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju aktar b'saħħtu fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw in-nisa bil-kanċer u s-superstiti tal-kanċer, inkluż l-ostakli għall-impjiegi, in-nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, u l-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità

għolja; barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta bbaġitjar sensittiv għall-ġeneru fil-programmi rilevanti kollha tal-QFP biex tindirizza d-disparitajiet fil-kura tal-kanċer u tippromwovi politiki li jissalvagwardjaw id-drittijiet ekonomiċi u soċjali tan-nisa affettwati mill-kanċer;

Emenda 98

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46g. Jikkundanna l-mewġa reċenti ta' narrattivi u movimenti kontra d-drittijiet u kontra l-ġeneru kif ukoll ir-rigressjoni kontra d-drittijiet tan-nisa u s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi fl-UE u globalment; jiddispjaċih li fil-QFP attwali, elementi ta' movimenti kontra l-ġeneru u kontra l-abort ibbenefikaw minn finanzjament Ewropew, minkejja l-ksur tagħhom tad-drittijiet fundamentali u valuri oħra tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li fil-QFP li jmiss, l-ebda finanzjament mhu se jkun disponibbli għal gruppi kontra l-ġeneru li għandhom l-għan li jreġġgħu lura avvanzi importanti fid-drittijiet tan-nisa, u lanqas għal xi grupp li jaħdem biex idgħajjef id-drittijiet fundamentali kif deskritt fil-karta;

Emenda 99

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46h. Jikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa u l-bniet kif kontra l-persuni LGBTIQ+; jafferma bil-qawwa li

ċ-ċaħda tas-servizzi u d-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva (SRHR) inkluż id-dritt għal abort sikur u legali, hija forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'kontradizzjoni diretta mal-valur tal-UE tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jiddeplora l-fatt li m'għadx hemm programm individwali għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, peress li issa huwa biss parti mill-programm ġenerali "ċittadini u drittijiet"; jissottolinja l-ħtieġa li Daphne, li għandu l-għan li jipprevjeni u jiġġieled kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, isir programm awtonomu b'linja baġitarja separata u aktar finanzjament biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-direttiva adottata reċentement dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-vjolenza domestika; jenfasizza li l-mekkaniżmi ta' finanzjament bħal Daphne għandhom jinkludu appoġġ immirat għan-nisa f'żoni ta' kunflitt fl-UE, filwaqt li jiġi żgurat li l-inizjattivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jkunu inklużivi għan-nisa li jiffaċċjaw sfidi multidimensjonali;

Emenda 100

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jisħaq li l-instabbiltà fir-reġjuni ġirien, il-faqar, it-tendenzi sottostanti fl-iżvilupp ekonomiku u l-bidliet demografiċi ***għadhom jiġġeneraw flussi migratorji lejn*** l-Unjoni, filwaqt li jagħmlu pressjoni sinifikanti fuq is-sistemi tal-ażil u tal-migrazzjoni; jissottolinja li l-QFP ta' wara l-2027 irid jappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt tal-Unjoni dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni, f'konformità mad-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-UE; jissottolinja, barra minn hekk, li, f'konformità mal-Patt, il-kooperazzjoni	47. Jisħaq li l-instabbiltà fir-reġjuni ġirien, il-faqar, itendenzi sottostanti fl-iżvilupp ekonomiku, il-bidliet ***ambjentali*** u demografiċi ***jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa u qed iwasslu lin-nies biex jemigraw*** lejn l-Unjoni, u dan ipoġġi pressjoni sinifikanti fuq is-sistemi tal-ażil u tal-migrazzjoni***; jenfasizza li f'dawn il-kuntesti n-nisa migranti huma aktar probabbli li jkunu vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru***; jissottolinja li l-QFP ta' wara l-2027 irid jappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt tal-Unjoni

ma’ pajjiżi terzi dwar il-migrazzjoni trid tirrispetta l-liġi tal-UE u tirrispetta l-istandards internazzjonali;	dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni, f’konformità mad-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-UE; jissottolinja, barra minn hekk, li, f’konformità mal-Patt, il-kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi dwar il-migrazzjoni trid tirrispetta l-liġi tal-UE u tirrispetta l-istandards internazzjonali ***inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem***;

Emenda 101

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jenfasizza l-importanza ta’ rabtiet b’saħħithom bejn ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-aċċess għall-fondi tal-UE fl-ambitu tal-QFP attwali; jemmen li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni tiddependi mir-rispett għall-istat tad-dritt fil-livell nazzjonali; jilqa’, b’mod partikolari, l-impatt pożittiv tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni f’każijiet ta’ ksur sistemiku u persistenti tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill japplikaw ir-regolament b’mod strett, konsistenti u mingħajr dewmien żejjed kull fejn ikun meħtieġ; jenfasizza li d-deċiżjonijiet biex jiġi sospiż jew jitnaqqas il-finanzjament tal-Unjoni minħabba ksur tal-istat tad-dritt jeħtieġ ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u mhux iggwidati minn kunsiderazzjonijiet oħra, u lanqas ma jridu jkunu l-eżitu tan-negozjati;	48. Jenfasizza l-importanza ta’ rabtiet b’saħħithom bejn ir-rispett għall-istat tad-dritt***, id-dinjità umana, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem,*** u l-aċċess għall-fondi tal-UE fl-ambitu tal-QFP attwali; ***jappella għat-tisħiħ u t-titjib tal-mekkaniżmi eżistenti tal-UE biex jiġi ggarantit li t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-QFP futur jirrispettaw u jippromwovu d-drittijiet fundamentali***; jemmen li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni tiddependi mir-rispett għall-istat tad-dritt ***u d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tan-nisa*** fil-livell nazzjonali; jilqa’, b’mod partikolari, l-impatt pożittiv tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni f’każijiet ta’ ksur sistemiku u persistenti tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill japplikaw ir-regolament b’mod strett, konsistenti u mingħajr dewmien żejjed kull fejn ikun meħtieġ; jenfasizza li d-deċiżjonijiet biex jiġi sospiż jew jitnaqqas il-finanzjament tal-Unjoni minħabba ksur tal-istat tad-dritt jeħtieġ ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u mhux iggwidati minn kunsiderazzjonijiet oħra, u lanqas ma jridu jkunu l-eżitu tan-negozjati;

Emenda 102

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	48a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill japplikaw u jagħmlu użu sħiħ mill-Anness III dwar il-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali – l-Artikolu 15(1) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni; u li jiggarantixxu li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw, fl-implimentazzjoni tal-Fondi, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, il-prevenzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni, u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-prinċipji orizzontali tal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni;

Emenda 103

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jindika l-ħtieġa ta' rabta b'saħħitha bejn l-istat tad-dritt u l-baġit tal-Unjoni wara l-2027 u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt u l-aċċess għall-fondi permezz tal-baġit; jistieden lill-Kummissjoni tiddeskrivi, fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt mill-2025 'il quddiem, il-punt sa fejn id-dgħufijiet identifikati fir-reġimi tal-istat tad-dritt potenzjalment joħolqu riskju għall-baġit	49. Jindika l-ħtieġa ta' rabta b'saħħitha bejn l-istat tad-dritt ***u d-drittijiet fundamentali,*** u l-baġit tal-Unjoni wara l-2027 u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt u l-aċċess għall-fondi permezz tal-baġit; jistieden lill-Kummissjoni tiddeskrivi, fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt mill-2025 'il quddiem, il-punt sa fejn id-dgħufijiet identifikati fir-reġimi tal-istat tad-dritt

tal-Unjoni; jilqa', barra minn hekk, ir-rabta bejn ir-rispett għall-valuri tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-baġit u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod attiv il-konformità tal-Istati Membri ma' dan il-prinċipju;	potenzjalment joħolqu riskju għall-baġit tal-Unjoni; jilqa', barra minn hekk, ir-rabta bejn ir-rispett għall-valuri tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-baġit u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod attiv il-konformità tal-Istati Membri ma' dan il-prinċipju;

Emenda 104

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jissottolinja, għalhekk, li l-QFP li jmiss irid jiżgura li, b'mod ġenerali, il-programmi ta' nfiq isegwu objettivi għall-klima u għall-bijodiversità, jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, ***inkluża*** l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jappoġġaw il-kompetittività u jsaħħu l-preparatezza tal-Unjoni kontra t-theddid;	53. Jissottolinja, għalhekk, li l-QFP li jmiss irid jiżgura li, b'mod ġenerali, il-programmi ta' nfiq isegwu objettivi għall-klima, ***għat-tniġġis żero*** u għall-bijodiversità, jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet ***fundamentali*** u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, ***b'impenn sod li jippromwovu u javvanzaw*** l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jappoġġjaw il-kompetittività u jsaħħu l-preparatezza tal-Unjoni kontra t-theddid;

Emenda 105

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
54. Jirrimarka li integrazzjoni effettiva tinkiseb l-aħjar permezz ta' sett ta' għodod ta' miżuri, primarjament permezz tat-tfassil tal-politika, valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa u traċċar solidu tal-infiq u, f'każijiet speċifiċi, miri ta' nfiq;	54. Jirrimarka li integrazzjoni effettiva tinkiseb l-aħjar permezz ta' sett ta' għodod ta' miżuri, primarjament permezz tat-tfassil tal-politika, valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa u traċċar solidu tal-infiq u, f'każijiet speċifiċi, miri ta' nfiq; ***jissottolinja li s-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandhom jitfasslu biex jinternalizzaw il-perspettiva tal-ġeneru, pereżempju billi jiġu inklużi indikaturi rilevanti għall-ġeneru u sensittivi għall-ġeneru għal kull programm tal-UE sabiex jiġi evitat it-tnaqqis fil-grad tal-miżuri tal-ugwaljanza***

	bejn il-ġeneri fil-fażi ta' implimentazzjoni; ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li tikseb Unjoni Ewropea ta' ugwaljanza;

Emenda 106

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
55. Jilqa' l-iżvilupp ta' metodoloġija biex jiġi segwit l-infiq abbażi tal-ġeneru u jqis li t-tagħlimiet meħuda għandhom jiġu applikati fil-QFP li jmiss; jisħaq, bl-istess mod, fuq il-ħtieġa ta' titjib sinifikanti fil-metodoloġiji tal-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità;	55. Jilqa' l-iżvilupp ta' metodoloġija biex jiġi segwit l-infiq abbażi tal-ġeneru u jqis li t-tagħlimiet meħuda għandhom jiġu applikati fil-QFP li jmiss, ***inkluż l-indirizzar tad-distakki f'termini ta' ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru u l-kjarifika tal-kriterji ta' punteġġ; itenni l-ħtieġa li navvanzaw minn sempliċi monitoraġġ għal ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru ġenwin; jisħaq li l-ibbaġitjar skont il-ġeneru jrid jiġi sistematikament integrat fil-baġit tal-UE biex jiġi żgurat li l-allokazzjonijiet finanzjarji jikkontribwixxu għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tintegra approċċ ta' bbaġitjar skont il-ġeneru fil-pilastri, l-istrumenti ta' finanzjament u l-linji baġitarji kollha tal-QFP li jmiss, biex tiżgura li dawn kollha jikkontribwixxu b'mod attiv għall-għanijiet tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri mill-ippjanar u l-allokazzjoni sal-monitoraġġ tar-riżorsi finanzjarji; jappella għall-implimentazzjoni ta' valutazzjonijiet tal-impatt obbligatorji fir-rigward tal-ġeneru fil-linji baġitarji u l-programmi ta' nfiq kollha biex jiġu evalwati l-effetti tagħhom fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***; jisħaq, bl-istess mod, fuq il-ħtieġa ta' titjib sinifikanti fil-metodoloġiji tal-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità;

Emenda 107

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55a. Jappella għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' objettiv ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri biex jiġi żgurat li l-QFP li jmiss jikkontribwixxi għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll objettivi oħra ta' ugwaljanza madwar l-UE u jipprevjeni li l-progress fid-drittijiet u l-ugwaljanza jonqos ġewwa u barra l-UE;

Emenda 108

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55b. Jinnota li, skont il-metodoloġija attwali ta' monitoraġġ tal-ġeneru, 11 % biss tal-baġit intuża fl-2023 għal interventi li l-objettiv ewlieni, importanti jew intenzjonat tagħhom huwa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jirrimarka li 69 % tal-baġit ġie allokat għal interventi li ma kellhom ebda effett sinifikanti fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, filwaqt li l-impatt tal-20 % li jifdal tal-allokazzjonijiet baġitarji fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għadu mhux ċar; jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejjeb il-ġbir tad-data fi programmi u interventi baġitarji differenti sabiex jgħinu fl-identifikazzjoni u l-kategorizzazzjoni tal-effetti tal-20 % mhux spjegati tal-baġit; jisħaq fuq il-fatt li l-introduzzjoni tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-baġit tal-UE se tibbenefika direttament il-ġbir tad-data bħala parti mir-rekwiżiti ta' finanzjament u jirrakkomanda l-implimentazzjonijiet tiegħu mill-bidu nett tal-QFP ta' wara l-2027;

Emenda 109

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55c. Itenni l-ħtieġa li tkompli tiġi żviluppata u mtejba l-metodoloġija tal-UE għat-traċċar tal-perspettiva tal-ġeneri; jappella biex jiġu stabbiliti rabtiet bejn il-miri inklużi fl-istrateġija li jmiss dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-QFP bħala mezz ewlieni biex tiġi implimentata l-istrateġija; jissottolinja l-ħtieġa ta' titjib fil-ġbir, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni ta' data diżaggregata skont il-ġeneru komparabbli u l-iżvilupp ta' definizzjonijiet orizzontali tal-UE, biex jiġu ffaċilitati l-valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika tal-Unjoni; jappella għal metodoloġija mtejba li għandha tidentifika mhux biss il-benefiċjarji tal-fondi, iżda wkoll il-potenzjal trasformattiv tal-programmi; jirrimarka li, minbarra effetti pożittivi u newtrali, xi interventi baġitarji jista' jkollhom implikazzjonijiet negattivi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod simili għall-azzjoni klimatika; jisħaq li l-metodoloġija attwali ta' traċċar tal-baġit ma tipprevedi l-ebda kategorija għal każijiet bħal dawn, li ma tippermettix valutazzjoni oġġettiva tas-sitwazzjoni attwali tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-UE;

Emenda 110

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55d. Jappella għal sforzi kontinwi biex tiġi eliminata d-distakki bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fl-UE, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ miżuri biex jiġu

mmonitorjati u indirizzati d-disparitajiet fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa fis-setturi kollha.

Emenda 111

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55e. Jissottolinja l-ħtieġa ta' proposta leġiżlattiva biex tiddefinixxi kategorija waħda jew aktar ta' kumpaniji mmexxija min-nisa jew li huma proprjetà tan-nisa b'impatt partikolarment pożittiv fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri marbuta mal-politiki tagħhom dwar ir-reklutaġġ, il-ħin tax-xogħol, il-kura tat-tfal ta' kwalità għolja u affordabbli jew l-akkwist tal-ġeneru; jappella għal passaport fakultattiv tal-kumpanija favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri simili għall-passaport previst għall-SMEs li jagħti aċċess preferenzjali għal opportunitajiet ta' finanzjament;

Emenda 112

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55f. Jappella biex ssir valutazzjoni indipendenti tal-impatt fuq il-ġeneri, li tevalwa l-impatt tal-programmi tal-QFP fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jappella biex il-kondizzjonalità ex ante tiġi żviluppata bħala strument biex tiġi vvalutata r-rieda tal-Istati Membri li jimplimentaw il-fondi tal-UE;

Emenda 113

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
57. Jinsisti li, wara l-2027, jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u tal-persunal mill-bidu nett sabiex l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni jkunu jistgħu jiżguraw tfassil, twassil u infurzar tal-politika effettivi u effiċjenti, ikomplu jattiraw l-aħjar persuni mill-Istati Membri kollha, u b'hekk jiżguraw bilanċ ġeografiku, u jkollhom flessibbiltà biex jaġġustaw għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu;	57. Jinsisti li, wara l-2027, jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u tal-persunal mill-bidu nett sabiex l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni jkunu jistgħu jiżguraw tfassil, twassil u infurzar tal-politika effettivi u effiċjenti***, kemm fil-livell tal-UE u kif ukoll nazzjonali,*** ikomplu jattiraw l-aħjar persuni mill-Istati Membri kollha, u b'hekk jiżguraw bilanċ ġeografiku, u jkollhom flessibbiltà biex jaġġustaw għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu; ***jenfasizza l-importanza taż-żamma, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' regoli li jipproteġu s-saħħa pubblika u s-saħħa tan-nisa u l-bniet, mill-kriżi tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, u t-tniġġis;**

Emenda 114

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	57a. Jenfasizza li l-għoti ta' taħriġ dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri pprovdut lill-uffiċjali tal-Kummissjoni tal-UE fl-Istitut Universitarju Ewropew huwa integrali biex jiġi żgurat it-twettiq tal-objettivi tal-ugwaljanza tal-Unjoni; jappella għall-espansjoni ta' dan it-taħriġ bil-possibbiltà li jiġi offert lill-uffiċjali tal-Parlament Ewropew u tal-gruppi politiċi;

Emenda 115

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

57b. Ifakkar fir-rwol importanti li għandu l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u fil-fehim u l-indirizzar tal-firxa u l-kawżi tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri li taffettwa lin-nisa fid-diversità kollha tagħhom fl-Unjoni, speċjalment fil-kuntest tar-rigressjoni kontra d-drittijiet tan-nisa u l-kriżijiet ekonomiċi u tas-saħħa relatati mal-kunflitti u filwaqt li titqies l-intersezzjonalità; ifakkar li l-EIGE esperjenza kwistjonijiet persistenti b'nuqqas ta' persunal, li komplew jaggravaw permezz taż-żieda qawwija fit-talbiet għal assistenza teknika bħala riżultat tal-prijoritizzazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki u l-inizjattivi kollha tal-Unjoni fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020–2025; jisħaq fuq l-appelli tiegħu biex l-EIGE jingħata l-baġit u l-allokazzjonijiet tal-persunal, inklużi 7 aġenti temporanji, u żieda fil-Pjan ta' Stabbiliment tiegħu biex jipprevedi r-reklutaġġ ta' persunal statutorju, meħtieġ biex jittratta ż-żieda sinifikanti fl-ammont ta' xogħol, inkluża l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li se jiġu proposti fl-istrateġija mġedda għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-kompiti l-ġodda assenjati lilu fir-rigward tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE bħad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn il-Ġeneri fuq il-Bordijiet, id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi, id-Direttiva tal-UE biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u d-Direttiva dwar l-Istandards għall-Korpi tal-Ugwaljanza; ifakkar li t-tieni evalwazzjoni esterna tal-EIGE tappella għal tisħiħ strutturali tar-riżorsi tal-EIGE kif ukoll reviżjoni tar-Regolament Fundatur tiegħu biex tiġi żgurata rappreżentanza sħiħa tal-Istati Membri fil-Bord tat-Tmexxija tiegħu, l-istabbiliment ta' Bord Eżekuttiv u riforma

sħiħa tal-Korp Konsultattiv tiegħu;

Emenda 116

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Test mhux emendat inkluż fil-kompromess*
59. Jisħaq li l-investiment bil-quddiem fl-infrastruttura interoperabbli tal-IT u fl-estrazzjoni tad-data jista' jiġġenera wkoll iffrankar tal-ispejjeż fit-tul u jtejjeb bil-kbir it-twassil tal-politika u t-traċċar tal-infiq;	59. Jisħaq li l-investiment bil-quddiem fl-infrastruttura interoperabbli tal-IT u fl-estrazzjoni tad-data jista' jiġġenera wkoll iffrankar tal-ispejjeż fit-tul u jtejjeb bil-kbir it-twassil tal-politika u t-traċċar tal-infiq;

Emenda 117

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Test mhux emendat inkluż fil-kompromess*
Baġit fit-tul b'fokus imġedded fuq l-infiq	Baġit fit-tul b'fokus imġedded fuq l-infiq

Emenda 118

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Is-sigurtà, id-difiża u l-preparatezza	***Il-paċi,*** is-sigurtà, id-difiża u l-preparatezza

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
European Institute for Gender Equality (EIGE)
European Lesbian Conference (ELC)
Equinox Initiative for Racial Justice
International Planned Parenthood Federation (IPPF)
European Parliamentary Forum for Sexual and Reproductive Rights (EPF
End FGM European Network (ENDFGM)
Center for Reproductive Rights (CFRR)
MEPs for Sexual and Reproductive Rights
OECD – Nicole Scherie
University of Florence
Multiannual Financial Framework Hub (MFF HUB)
National Council of German Women's Organizations (Deutscher Frauenrat)
Women Entrepreneurship Platform (WEP)

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	9.4.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 15 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Irmhild Boßdorf, Mélissa Camara, Margarita de la Pisa Carrión, Valérie Devaux, Elisabeth Dieringer, Rosa Estaràs Ferragut, Viktória Ferenc, Gabriela Firea, Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Chiara Gemma, Assita Kanko, Arba Kokalari, Elena Kountoura, Sebastian Kruis, Judita Laššáková, Maria Noichl, Mirosława Nykiel, Giusi Princi, Emma Rafowicz, Joanna Scheuring-Wielgus, Benedetta Scuderi, Laurence Trochu, Marko Vešligaj, Maria Walsh, Lucia Yar, Dainius Žalimas
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Hanna Gedin, Catherine Griset, Elisabeth Grossmann, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Anna Strolenberg
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Georgios Aftias, Lynn Boylan, Valérie Deloge, Lena Düpont, Dimitris Tsiodras

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

20	+
PPE	Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Mirosława Nykiel, Maria Walsh
Renew	Abir Al-Sahlani, Lucia Yar, Dainius Žalimas
S&D	Gabriela Firea, Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Elisabeth Grossmann, Maria Noichl, Emma Rafowicz, Joanna Scheuring-Wielgus, Marko Vešligaj
The Left	Lynn Boylan, Hanna Gedin, Elena Kountoura
Verts/ALE	Mélissa Camara, Benedetta Scuderi, Anna Strolenberg

15	-
ECR	Chiara Gemma, Assita Kanko, Laurence Trochu
ESN	Irmhild Boßdorf
NI	Judita Laššáková
PPE	Georgios Aftias, Lena Düpont, Rosa Estaràs Ferragut, Dimitris Tsiodras
PfE	Valérie Deloge, Elisabeth Dieringer, Viktória Ferenc, Catherine Griset, Sebastian Kruis, Margarita de la Pisa Carrión

3	0
PPE	Arba Kokalari, Giusi Princi
Renew	Valérie Devaux

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni